Il-Ħadd 29 ta' Settembru: ***rock mass* għaż-żgħażagħ**, biex nifttħu s-sena pastorali b'quddiesa speċjali animata b'mużika moderna, fil-11.00am.

Minn għada, it-Tnejn 30 ta' Settembru, ser isir dan it-tibdil fil-quddies għax-xitwa: **Mit-Tnejn sas-Sibt il-quddies ta' filgħaxija ser ikun fl-4.30pm u fis-6.30pm**.

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru, **festa ta' San Mikiel Arkanġlu** nistednukom għall-quddiesa ad unur ta' San Mikiel Arkanġlu, fil-M.U.S.E.U.M. tal-Bniet, fil-5.00pm.

Tul ix-xahar t'Ottubru, fil-knisja se ssir il-**ġabra tal-ikel għall-karità** mill-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl. Bħas-snin li għaddew, tistgħu tgħinu billi tħallu: preserves, kafè, te, għaġin, żejt u affarijiet li jservu fit-tul, fil-kaxxi maġenb il-bibien prinċipali tal-knisja, li mbagħad f'Diċembru jiġu mqassma lil min hu fil-bżonn. Grazzi mill-qalb.

Il-membri tal-Mużew tal-bniet javżaw mill-ġdid il-ġranet u l-ħinijiet tat-tagħlim sabiex ma jaħbtux ma' attivitajiet oħra li jistgħu jkollhom uliedkom.
L-ewwel xift mill-4.30pm sal-5.15pm
Year 1: it-Tlieta
Year 2 u 3: it-Tnejn u l-Ħamis
Year 4: it-Tlieta u l-Ġimgħa

It-tieni xift mis-5.45pm sas-6.30pm
Year 5: it-Tlieta u l-Ġimgħa
Year 6: it-Tnejn u l-Ħamis
Year 7: it-Tnejn u l-Ġimgħa
Year 8 'il fuq (form 2+): it-Tlieta

It-tagħlim fil-Mużew għat-tfal kollha jibda nhar it-Tlieta, l-1 t'Ottubru.

Minn din il-ġimgħa jibdew il-laqgħat fiċ-Ċentru **għall-ADOLEXXENTI u ż-ŻGĦAŻAGĦ**
**Form 2**: l-Erbgħa 2 t'Ottubru, fis-6.00pm
**Forms 3-5**: l-Erbgħa 2 t'Ottubru, fit-8.00pm
**16plus**: il-Ħamis 3 t'Ottubru, fit-8.00pm
**15plus Prayer Group**: il-Ġimgħa 4 t'Ottubru, fit-8.00pm

Nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, se jingħad ir-**rużarju fi Ġnien il-Kunsill** fil-5.30pm. Kulħadd mistieden.

Nhar l-Erbgħa, 2 t'Ottubru, se **jitfakkru t-trabi li ma twildux**. Dar Ġużeppa Debono flimkien mal-Komunità Anawim qed jistiednu lil kulħadd, l-iktar lil dawk il-familji li tilfu t-tarbija waqt it-tqala, għall-quddiesa mill-Isqof Anton Teuma, fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, fis-6.30pm.

Nhar il-Ġimgħa 4 t'Ottubru **l-ewwel Ġimgħa tax-xahar**, jum ta' devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù: filgħaxija, kulħadd hu mistieden jieħu sehem fit-talb u t-tifħir tas-Siegħa tal-Ħniena Divina, wara l-quddiesa tal-4.30pm.

Nhar il-Ġimgħa, 4 t'Ottubru, se tiġi ċċelebrata **quddiesa f'Ta' Pinu għat-tfal u l-anzjani** organizzata mid-Direttorat tas-Servizzi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. L-anzjani kollha huma mistiedna jattendu. It-trasport jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fid-9.15am.

Nhar il-Ġimgħa, 4 t'Ottubru, **Quddiesa fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina**, fil-5.00pm.

Nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru, stedina speċjali għal **SIEGĦA ADORAZZJONI** bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, fit-8.15am.

Il-laqgħat tal-**AZZJONI KATTOLIKA** se jibdew:
It-Tnejn 7 t'Ottubru, għan-**nisa miżżewġa** mid-9.00am sal-10.00am fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku.
It-Tlieta 1 t'Ottubru, għax-**xebbiet adulti** wara l-quddiesa tal-4.30pm f'Dar l-Imnarja.
L-Erbgħa 2 t'Ottubru, għall-**irġiel** wara l-quddiesa tal-4.30pm f'Dar l-Imnarja.

Nhar il-Ħamis 17 t'Ottubru, **ħarġa għall-anzjani f'Malta**, mill-Kunsill Lokali Nadur. Tluq mill-Pjazza fis-6.45am. Aktar informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kunsill.



**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 4.30pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am